# Il-Ħuttafa

numru 108

Jannar - Frar 2012




Żrinġ

il-magażin ta' Klabb Ħuttaf



Victor Falzon

Il-Pitirrossi huma komuni daż-żmien tas-sena fil-kampanja u fil-ġonna. Ħajjarhom iżuru l-ġnien tiegħek billi tarmalhom bird table.



# Ħej Ħbieb Ħuttaf !

## editorjal

Forsi ndunajtu fil-faċċata ta' quddiem, ħdejn l-logo tal-BirdLife hemm dan il-logo bin-numru 50. Għaliex?

Ħeqq, għax dis-sena l-BirdLife għalqet ħamsin sena. Il-BirdLife bdiet fis-sena 1962, ħeħe min jaf fejn kontu għadkom intom, forsi lanqas il-ġenituri tagħkom ma kienu għadhom twieldu!

Hekk hu! Fil-25 ta' Jannar 1962, grupp ta' seba' rġiel kienu ltaqgħu f'dar f'Tas-Sliema u ffurmaw għaqda biex tistudja u tiddefendi l-għasafar. Dakinhar twieldet BirdLife Malta, u kienet l-ewwel għaqda tan-natura f'Malta. Dak iż-żmien ħadd ma kien isemmi l-ambjent, u ma kont tara lil ħadd bit-tromba jew bil-kamera jdur fil-kampanja. L-uniċi nies li kienu jduru fil-kampanja jfittxu l-għasafar kienu kaċċaturi bis-senter, biex joqtluhom!

Għall-ewwel il-BirdLife kien jisimha **Malta Ornithological Society** (jew **MOS** fil-qosor). Fl-MOS bdew jissieħbu nies li jħobbu l-għasafar, nies li riedu jitgħallmu fuq in-natura, u nies li xtaqu jgħinu lill-għasafar. Insomma, bħalkom wara kollox. FL-1995 l-MOS bidlet isimha u saret BirdLife Malta.

Ftit ftit il-BirdLife kibret u llum fiha xi 3000 membru. Fost dawn hemm xi 1000 tfal u żgħażagħ membri fi Klabb Ħuttaf. Klabb Ħuttaf huwa parti importanti ħafna mill-BirdLife. Ħafna min-nies li jmexxu l-BirdLife illum kienu fi Klabb Ħuttaf meta kienu żgħar. Anke jien!






Victor Falzon

Klabb Ħuttaf jawgura lill-BirdLife 50 sena oħra ta' xogħol favur l-għasafar u n-natura. Tgħid la l-BirdLife tagħlaq 100 sena (fis-sena 2062) tkun għadha toħroġ *Il-Ħuttafa*? Tkun waslet Numru 413. Min jaf tkunx differenti milli hi llum.

Emm, naħseb l-editur ikun differenti żgur!

Victor

**Victor Falzon**
l-Editur

## mal-faċċata



**Iż-Żrinġ** (painted frog) huwa l-uniku amfibju Malti. Dari kien komuni imma llum spiċċa minn xi postijiet għax in-nixxigħat tal-ilma li għandu bżonn nixfulu. M'għandna qatt naqbdu jew infixklu ż-żrinġijiet. Huma wkoll imħarsin bil-liġi

Ritratt ta' Desirée Falzon

## X'għandna?

| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Mid-Dinja | 4 |
| X'hemm ġdid? | 4 |
| X'nista' nara tgħid? | 5 |
| Members' Day | 5 |
| Kompetizzjoni Poster | 5 |
| Attività | 6 |
| Intervista ma' Fjura | 6 |
| Bojod u Sofor | 7 |
| Agħti kulur | 8 |
| Arti u Ritratti | 8 |
| X'idea Dik! SENSIELA ĠDIDA | 9 |
| Tinsewx Titimgħuhom! | 9 |
| Nħawi Naturali SENSIELA ĠDIDA | 10 |

## il-kumitat

Kathleen Mamo (kap) • Jason Aloisio • Desirée Falzon • Nikki Falzon • Victor Falzon

## il-kuntatt

indirizz
**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
tel **21347644 / 21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin
**il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**

## il-klabb

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18-il sena. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, mixjiet, ħarġiet bil-lanċa, u nagħmlu wkoll xogħol ambjentali. Kull xahrejn noħorġu wkoll il-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. Bħalissa fil-Klabb qegħdin xi 1000 membru. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija €7 fis-sena.

©BirdLife Malta, Frar 2012
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop

# Fejn imorru jpappu?

Tafu x'inhu Kanġu? Tafu x'inhi Garnija? Tafu x'inhi Ċiefa?

Jekk forsi ma tafux, mhux tort tagħkom, għax dawn huma għasafar li jgħixu kważi ħajjithom kollha fuq il-baħar. Imma fi żmien il-bejta jersqu lejn l-art. Il-Kanġu, il-Garnija u ċ-Ċiefa t-tlieta jbejtu f'pajjiżna: iċ-Ċief u l-Garni jbejtu f'ħofor u xquq fis-sisien, u l-Kanġi jbejtu fi rkejjen taħt il-blat ta' Filfla, u f'xi għerien.

Dawn it-tliet għasafar u l-postijiet fejn ibejtu huma mħarsin bil-liġi. Imma l-postijiet fejn ifittxu l-ikel mhumiex protetti. Lanqas biss nafu sew fejn imorru! X'imkien fil-baħar! Ħeqq imma l-baħar kbir! Għalhekk il-BirdLife bdiet studju ta' ħames snin biex nitgħallmu eżatt FEJN dawn l-għasafar imorru jistadu.

B'hekk imbagħad dawn l-inħawi l-gvern ikun jista' jipproteġihom ħalli ċ-Ċief, il-Garni u l-Kanġu jibqgħu jgawdu dawn il-meded ta' baħar importanti.



**Ċiefa**
Cory's Shearwater

Matthew Borg Cardona



**Garnija**
Yelkouan Shearwater

Frank Dhermain



**Kanġu ta' Filfla**
European Storm-petrel

Joe Sultana

Malta Seabirds Project



Victor Falzon

## VILLEĠĠJATURA VILI

Max-xatt tal-**Armier** u t-**Torri l-Abjad** hemm mijiet ta' kmamar villeġġjatura li huma kontra l-liġi. Għaliex? Ħeqq, għax huma mibnijin bil-wiċċ tost kollu fuq art publika, art li suppost hi ta' kulħadd. U kif taraw mir-ritratt anke d-dawl u l-ilma għandhom mgħoddi! Dan l-aħħar riedu jibnulhom *substation* ħalli jkollhom provista ta' dawl aħjar, imma l-MEPA ma tathomx permess.

**Prosit! Imma l-prosit vera tkun meta xi darba dawk il-kmamar jitwaqqgħu kollha u l-post jingħata lura lil kulħadd u lin-natura.**

Hawnhekk hawn waħda mill-ftit għaram tar-ramel li baqa' fil-Gżejjer Maltin. Imma l-aħħar li mort sibt fiha ħġieġ, fliexken tad-dlik, karti u imbarazz ieħor.

Għaram tar-rimi, mela!

Dawn l-aħbarijiet u anke ta' paġna 4 tajbin biex tużawhom l-iskola fl-Attività JUNIOR JOURNALIST (Dinja Waħda)

Dinja Waħda hija kampanja edukattiva ambjentali li qed titmexxa fl-iskejjel minn BirdLife Malta u Bank of Valletta, bl-għajnuna tal-Ministeru tal-Edukazzjoni.

BirdLife MALTA

BOV Bank of Valletta

X'għandna mid-dinja?

# Sabu lil Dracula... ... u lil Elvis!

Fil-lvant tal-gżira Borneo, fl-**Indoneżja**, hemm foresta tropikali jisimha Wehea. Dil-foresta ikbar mill-Gżejjer Maltin, u ftit li xejn imbagħbsa mill-bniedem. Ftit ġimgħat ilu, xjenzati sabu fiha speċi ta' xadin li kienu ħasbuh inqered minn wiċċ id-dinja. Dan huwa l-**Miller's Grizzled Langur**, xadin griż b'kullar abjad madwar għonqu - hemm min xebbħu ma' xi ħadd liebes ta' Dracula għal Halloween!




Interessanti hu li dawn l-istudjużi ma kinux qed ifittxu din l-ispeċi, imma kienu armaw xi kameras biex jieħdu ritratti ta' annimali oħrajn. U minflok, il-kamera ġibdet eluf ta' ritratti ta' din ix-xadina rarissma!

Tiskanta kif f'dinja ppakkjata bin-nies, xorta għad hawn irkejjen li jagħtuna sorpriżi sbieħ.

Fil-foresti muntanjużi fit-tramuntana ta' **Myanmar**, xjenzati skoprew xadina ġdida - il-**Myanmar Snub-nosed Monkey**.

Din l-ispeċi kienu jafu biha biss minn ġild ta' waħda mejta, ħadd kien għadu ma ra waħda ħajja. U fil-fatt lanqas dawn ix-xjenzati ma rawha proprju. Għaliex? Għax bħall-istorja l-oħra, sabuha għax ħallew kameras armati bis-senser, u r-ritratti tax-xadina nġibdu weħidhom! Sal-ġurnata tal-lum għadu ħadd ma ra dan l-annimal wiċċ imb wiċċ!




Allura Elvis fejn jidħol?

Ħeqq, għax kif forsi taraw mill-istampa, din l-imbierka xadina għandha żewġ nokkli niżlin fuq moħħha. U xi għaref malajr laqqamha *Elvis Monkey* :) :)



## Rebħa oħra għall-foka!

**Ftit ġimgħat ilu r-Russja ħabbret li daqshekk importat prodotti magħmulin mill-harp seals. Din hija daqqa ta' ħarta kbira għall-industrija tal-qtil tal-foki, għax dawn il-prodotti kważi kollha (90%) r-Russja kienet tixtrihom.**

**Il-qtil ta' eluf ta' frieħ tal-ħarp seal hija drawwa vili u barbara li għadha ssir kull sena fil-Kanada. Kif pajjiż ċivilizzat bħall-Kanada jibqa' jagħmel dawn il-ħniżrijiet diffiċli tifhimha.**

**Issa li l-ikbar xerrej waqaf jixtri, nittamaw li l-Kanada fl-aħħar taqta' qalbha minn dal-massakru.**

Il-Kanada toqtol iktar minn 300,000 foka fis-sena!

Fl-2009 l-Unjoni Ewropea waqqfet id-dħul ta' prodotti tal-foka.

Il-Kanada twaħħal fil-foki talli naqas il-ħut fil-baħar!

Ħafna mill-qtil tal-foki jsir b'daqqiet bi bsaten u grampuni.

Jinqatlu l-foki frieħ ta' ftit ġimgħat... quddiem ommhom!



## X'hemm ġdid?

*Annimali u pjanti li nstabu ġodda dan l-aħħar*

***Paedophryne amauensis***
(għad m'għandux isem bl-Ingliż)



Ftit ilu, qalb il-weraq u t-terriċċju umdu fl-art tal-foresti tropikali f'Papua New Guinea, xjenzati sabu xi żrinġijiet daqs nitfa. Meta kejluhom, sabu li huma medja ta' 7.7mm. Dan ifisser li daż-żrinġ mhux talli huwa l-iżgħar żrinġ fid-dinja, imma huwa wkoll l-iżgħar [1]vertebrat li nafu bih. Li għandu interessanti hu li meta jfaqqas, daż-żrinġ ikun diġà bis-saqajn u jaqbeż, jiġifieri ma jkunx marżepp *(tadpole)* għall-ewwel. La jagħtuh isem bl-Ingliż żgur mhux ħa jkun *Giant Frog*!

Ħsibtu dubbiena!

Id-daqs vera taż-żrinġ!

[1]**vertebrat** = annimal li għandu sinsla tad-dahar; il-vertebrati huma l-ħut, l-amfibji, ir-rettili, l-għasafar u l-mammiferi.



# X'nista' nara tgħid?

jikteb **Jason Aloisio**

Victor Falzon



## Russett tas-Siġar

**Little Bittern** *Ixobrychus minutus*

Ir-Russett tas-Siġar huwa kemm kemm ikbar minn ħamiema, u għalhekk dan l-għasfur huwa l-iżgħar wieħed fil-familja tal-irsieset u l-agretti.

Mhux għasfur faċli biex tarah, għax iħobb iżomm mistoħbi fis-siġar u speċjalment fil-meded tal-qasab lil jikbru folti fil-widien. L-għajta tipika tiegħu qisha nebħa ta' kelb. Il-mara u r-raġel jintgħarfu sew minn xulxin mill-kulur tar-rix. Ir-Russett tas-Siġar jiekol ħut, żrinġijiet, brimb, rettili u għasafar żgħar, u joħroġ ifittex l-ikel l-aktar fi tlugħ u nżul ix-xemx.

F'Malta r-Russett tas-Siġar jidher l-aktar fir-rebbiegħa, f'waħdiet jew qtajjiet żgħar. Ibejjet f'partijiet tal-Ewropa, l-Asja u l-Afrika. F'Malta wkoll bejjet dan l-għasfur, imma s'issa darbtejn biss nafu bi żgur, u d-darbtejn fl-istess post: fir-riserva naturali tas-Simar!




It-tpinġija meħuda mill-ktieb **Għasafar Madwarna**, li huwa miktub apposta għat-tfal. Dal-ktieb jiswa €5 u tista' tixtrih mingħand il-BirdLife jew billi żżur ir-riservi naturali tal-Għadira jew Is-Simar.




## members' day




Peress li dis-sena l-BirdLife tagħlaq 50 sena, fl-**4 Marzu 2012** se nagħmlu **Members' Day**. Waqt din l-attività se jintwera filmat fuq il-BirdLife, diversi PowerPoints fuq il-proġetti tal-BirdLife matul is-snin, u slajdxow ta' ritratti ta' għasafar.

Il-membri kollha merħba li jattendu. Intom ukoll, anzi ejjew mal-familja. L-attività sħiħa twila sitt sigħat, imma se jkollna parti għat-tfal u tistgħu tiġu għaliha biss. Lilkom il-membri tal-Klabb għandu jogħġobkom il-filmat **50 Years For Birds and Nature** (10.25-11.00am) u dritt warajh (11am-12pm) ħa jkun hemm xi **logħob apposta għalikom** fil-ġonna sbieħ ta' Mount St Joseph.

Insomma, issa tafu! Nisperaw li narawkom.




**Data** Il-Ħadd 4 Marzu 2012
**Ħin** Il-programm sħiħ huwa minn **10am sa 4pm**
**Post** Mount St Joseph (ħdejn il-Mosta)
**Merħba** Membri u familji
[1]**Prezz** **€5** (mingħajr l-ikla) jew **€23** (bl-ikla inkluża)
**Ibbukkjaw** Ibagħtu [2]ċekk lill-BirdLife (indirizz p.2) b'isem, telefon u kemm se tkunu nies.
**Ċans għandkom sa** l-Erbgħa 29 Frar 2012

## KOMPETIZZJONI POSTER 4



F'Il-Ħuttafa li jmiss ħa jkollna r-raba' poster. Dan biċċa mir-ritratt li ħa jidher. X'taħsbu li hu l-għasfur? Ibagħtu t-tweġiba, flimkien ma' isimkom, f'dan l-imejl **kompetizzjoni.poster@gmail.com**

Aħna mbagħad intellgħu isem minn dawk li jaqtgħu, u nibagħtulkom rigal żgħir.



**Ħbieb!**
Jekk jogħġobkom, tixtrux affarijiet li fihom iż-żejt tal-palm *(palm oil)*. Biex jipproduċu daż-żejt, kull sena qed jeqirdu firxiet enormi ta' foresti fl-Asja t'Isfel, fejn ngħixu aħna l-orangutan u eluf ta' speċi oħra ta' annimali u pjanti. **Grazzi.**

[1]**prezz** huwa għal kull persuna [2]**ċekk** maħruġ lil BirdLife Malta

attività




Victor Falzon

# Waslet il-Mixja ta' Marzu!

Il-mixja li nagħmlu kull sena f'Marzu saru jistennewha ħafna membri. Dis-sena ħa nieħdu r-rotta sabiħa **mir-Rabat sax-Xemxija**. Il-mixja twila **11km**, imma komda għax tlajja' m'hemm kważi xejn. U hija wkoll passiġġata ħelwa f'kampanja kollha natura.

Kif dejjem nagħmlu, għal dil-mixja nistiednu lill-membri jiġbru xi flus. Dawn il-flus imbagħad nonfquhom f'apparat li l-BirdLife tuża fil-proġetti tagħha. Dis-sena se niġbru għal kameras żgħar biex narmawhom ħdejn il-bejtiet tal-għasafar fir-riservi naturali. Dawn huma għodda tajbin biex nosservaw mill-bogħod x'ikun qed jiġri fil-bejta, bla ma nfixklu l-għasafar.

**Ejjew imxu u gawdu ftit kampanja magħna!**

**Data** il-Ħadd **18 Marzu 2012**
**Niltaqgħu** 8.30am
**Post** Domus Romana, ir-Rabat
**Nispiċċaw** xi 1pm
**Ġibu** x'tieklu u x'tixorbu
**Iġġibux** tkaken u toqol żejjed!
**Merħba** *membri, familji u ħbieb

*Tfal taħt it-8 snin irid jiġi magħhom xi ħadd kbir.

**Narawkom!**

Dakinhar ħa nqassmu l-istiker **I ♥ Klabb Ħuttaf** li jmiss, jiġifieri n-numru 3.

# Intervista ma' Fjura




Victor Falzon

**X'jismek?**
Jisimni Berwieq.

**Inti rari jew komuni?**
Komuni mhux ħażin, f'xi snin iktar minn oħrajn.

**X'ambjent tikber fih?**
Jien nikber fl-isteppa l-iktar.

**Steppa x'inhi?**
Aqra *Il-Ħuttafa* 99 u tkun taf.

**U ejja għidilna...**
Orrajt! Steppa tkun art b'ħamrija baxxa u fqira, b'siġar xejn.

**F'liema żmien tikber?**
Bħalissa diġà ssibni bil-fjuri.

**Għandek xi problemi?**
Ma tantx, sakemm ma jirriversjawx xi karozza fuqi, jew ibattlu xi munzell terrapien fuqi, jew iferrgħu xi tank żejt maħruq tal-karozza fuqi, jew...

**Ojj ojj, biżżejjed hekk! Isma', inti [1]indiġena jew [2]aljena?**
Indiġena, sa fejn naf jien.

**Għandek isem bl-Ingliż?**
Iva, jgħiduli *Branched Asphodel*.

**Grazzi ħafna tal-ħin tiegħek.**
No problem, inżertajt ma tantx kelli x'nagħmel illum.

[1] **indiġena**. Minn dejjem kienet teżisti f'dawk l-inħawi.
[2] **aljena**. Daħħalha l-bniedem minn art oħra.




# Bojod u Sofor

Għalkemm Malta żgħira, xorta waħda għandna mijiet u mijiet ta' pjanti differenti. L-aħjar mod biex tagħraf pjanta huwa mill-fjuri: mid-daqs tagħhom, mill-kulur, mill-forma, mir-riħa, min-numru ta' petali, eċċ. F'dil-paġna ġbarna ftit fjuri li kif taraw huma kollha bojod bin-nofs isfar. Imma allavolja għandhom l-istess kulur, xorta huma kollha differenti.


**Bebuna tal-Baħar**
Maltese Sea Chamomille


**Narċis**
French Daffodil




**Ċfolloq tal-Widien**
Three-leaved Water Crowfoot


**Margerita Selvaġġa**
Southern Daisy


**Ċistu Abjad**
Narrow-leaved Rock-rose








**Għeneb id-Dib Isfar**
Yellow Nightshade


**Bebuna**
Annual Daisy




Uħud minn dawn il-fjuri jiftħu daż-żmien, bħall-**Bebuna**, il-**Margerita Selvaġġa** u ċ-**Ċfolloq tal-Widien**. Oħrajn jiftħu iktar tard fir-rebbiegħa, bħaċ-**Ċistu Abjad**, il-**Bebuna ta' Malta** u **Għeneb id-Dib**. In-**Narċis** kien fl-aqwa tiegħu f'Diċembu u Jannar.

Ħafna mill-fjuri ta' Malta huma bojod, u ħafna oħrajn huma sofor. Dawn t'hawnhekk jgħaqqdu ż-żewġ kuluri flimkien, biex ma jiġġieldu ma' ħadd!

## Taż-Żebbuġ



Agħti kulur lill-istampa.

Victor Falzon






## ARTI U RITRATTI



Ibagħtulna t- tpinġijiet u r-ritratti li tieħdu tan-natura (mhux pets jew fjuri kultivati) ħalli nġibuhomlkom f’dir-rokna. Basta r-ritratti jkunu veru tagħkom. Ibagħtuhom **.jpg** fl-imejl **il-huttafa@birdlifemalta.org**



GĦASFUR TAL-BEJT
Francesco Tanti 5



FARFETT TAX-XEWK
Thomas Schembri 8




## ARTITASKYA

Kartun ieħor ta’ **Askya Pizzuto** 16



Il-ĦAWWIEFA

# X'idea dik!

Desirée Falzon

**Sensiela ġdida dwar idejat li l-bniedem ikkopja min-natura.**



## Minn pjanta għal kolonna

Qatt rajtu kolonna bħal din? Dad-disinn huwa ispirat mill-weraq tal-Ħannewija. Jingħad li eluf ta' snin ilu, skultur Grieg ra qoffa fuq qabar ta' tifla żgħira. Fil-qoffa kien hemm xi ġugarelli li kienet tilgħab bihom it-tifla, u l-qoffa kienet mgħottija b'maduma biex ma jixxarrbux bix-xita. L-iskultur ra xi weraq tal-Ħannewija qed jikbru mal-qoffa, u ġietu idea għal disinn ġdid ta' kolonna. Dad-disinn sar magħruf bħala Stil Korintjan jew Korinz (Corinthian), u l-eqdem kolonna ta' dat-tip li nafu biha nħadmet f'xi 450QK. Ir-Rumani kienu jħobbuh ħafna l-istil Korinz u żejnu bih l-isbaħ tempji tagħhom. Dan l-istil għadu jintuża sal-lum ma' xi bini, anke f'xi djar Maltin.




Victor Falzon

## Il-Ħannewija



Desirée Falzon

Veru, meta morna l-ħarġa L-iMġiebaħ ma' tal-Klabb rajnieha dil-pjanta.

Il-Ħannewija (Bear's Breeches) hija pjanta b'weraq kbar li tħobb tikber f'postijiet bid-dell bħal Wied il-Luq fil-Buskett. Hija pjanta [1]annwali li tikber daż-żmien tas-sena. Fejn issib il-Ħannewija s-soltu tara ħafna minnha jikbru ħdejn xulxin, u flimkien jagħtu dehra friska, ħadra skura. Il-fjura tal-Ħannewija hija kbira, u meta ż-żerriegħa ssir, tispara 'l barra b'ħoss ta' frosta qed tfaqqa'!

## Tinsewx titimgħuhom

Fix-xitwa l-għasafar ma tantx isibu x'jieklu, għalhekk tajjeb li ngħinuhom ftit. Armaw **bird table** fil-ġardina tad-dar tagħkom, u farrkulhom fuqha xi ħaġa tajba: kejk, pastizzi, qassatat, krustini, ottini, qagħaq, pudina, kollha tajbin. Evitaw ikel mielaħ jew immuffat, imma tibżgħux tagħtuhom ikel xaħmi, l-għasafar mhux ħa jkollhom problemi ta' ħxuna għax huma annimali attivi ħafna. Importanti li l-ikel tfarrkuhulhom żgħir ħalli ma jeħlilhomx – tinsewx li l-għasafar m'għandhomx snien biex iqattgħu l-ikel.

Insomma, armaw bird table dix-xitwa u gawdu **Pitirrossi**, **Għasafar tal-Bejt**, **Fjammi Suwed** u **Buful Iswed** fil-ġnien.





Jekk l-iskola qed tagħmlu **Dinja Waħda**, forsi għamiltu bird table anke fil-ġnien tal-iskola. Prosit.



L-ikel farrkuhulhom żgħir ħalli ma jifgawx fih.

Victor Falzon




[1] **annwali**. Pjanta li tgħix staġun wieħed, imbagħad tagħmel iż-żerriegħa u tmut.

Sensiela ġdida li fiha Elisabeth Conrad ddur il-Gżejjer Maltin u ssibilna postijiet interessanti għan-natura.





Aron Tanti

Elisabeth Conrad

# Id-Dwejra

F'din is-serje ġdida, se nagħtu ħarsa lejn postijiet differenti ta' interess naturali fil-Gżejjer Maltin, kemm dawk magħrufin sew kif ukoll dawk li forsi nisimgħu inqas bihom. U se nibdew bid-Dwejra t'Għawdex.

Id-Dwejra u l-inħawi tal-Qawra huma postijiet imħarsin bil-liġi bħala Special Areas of Conservation (SAC fil-qosor). Dawn l-SACs jiffurmaw parti minn Natura 2000, nisġa ta' iktar minn 25,000 postijiet naturali protetti mal-Ewropa kollha.

Id-Dwejra hija importanti għal diversi raġunijiet, fost dawn għall-[1]ġeoloġija u l-[2]ekoloġija tagħha.

## Il-Ġeoloġija

Id-Dwejra hija post tajjeb biex naraw l-eqdem saffi ta' blat tal-Gżejjer Maltin, jiġifieri l-**qawwi ta' taħt** u l-**franka**. Fil-franka tad-Dwejra nsibu diversi fossili ta' ħlejjaq tal-baħar, li juru tajjeb kif dan il-blat beda jifforma taħt il-baħar ħafna żmien ilu. Madwar il-wied tal-Qawra u f'xi nħawi oħra, insibu wkoll postijiet fejn hemm it-**tafal** mikxuf.

Il-[3]ġeomorfoloġija tad-Dwejra mhi xejn inqas interessanti. Hemm per eżempju d-**dolini**, li jkunu bħal dwawar enormi maqtugħin fil-blat. Forsi l-aħjar eżempju ta' dolina fid-Dwejra huwa l-**Inland Sea**, dawra kbira u fonda, li l-qiegħ tagħha mimli bl-ilma baħar li jidħol minn mina naturali fis-sies li tinfed minn naħa għall-oħra. L-Inland Sea qisu bajja magħluqa.

Bħal din id-dawra nsibu diversi oħrajn f'dawn l-inħawi, per eżempju l-**Bajja tad-Dwejra**. Din il-bajja wkoll għandha forma tonda u darba kienet magħluqa u mgħottija imma s-sies ta' barra tmermer bl-ilma baħar u llum baqa' minnu biss blata weħidha fid-daħla tal-bajja: il-**Ġebla tal-Ġeneral**. (ara l-ispjega bl-istampi f'p.11) Ftit jeżistu postijiet fid-dinja fejn insibu dolini tant kbar u viċin ta' xulxin. Jaħsbu li dawn id-dolini kienu darba għerien kbar, li maż-żmien sfrundaw bit-tmermir tal-blat.



### Fejn hi?

Id-Dwejra qiegħda fil-punent ta' Għawdex, ħdejn ir-raħal ta' San Lawrenz. Faċli tasal Żgħax hemm ħafna tabelli juruk it-triq.



Joe Sultana

It-Tieqa

[1]**ġeoloġija.** L-istudju ta' kif l-art tifforma u minn xhiex inhi magħmula.
[2]**ekoloġija.** L-istudju tal-affarijiet ħajjin u kif jgħixu fl-ambjent tagħhom.
[3]**ġeomorfoloġija.** Il-forom li tieħu l-art, per eżempju muntanji, widien, sisien, eċċ.

Fid-Dwejra nsibu wkoll forom oħrajn interessanti fil-blat. Hemm per eżempju **t-Tieqa**, arkata naturali li wkoll iffurmat bit-tmermir mit-taħbit u r-raxx mielaħ tal-baħar. Biż-żmien, l-arkata tat-Tieqa għad tisfronda u taqa', u tibqa' biss gżira fil-baħar, bħall-Ġebla tal-Ġeneral.

## L-Ekoloġija




L-ekoloġija tad-Dwejra hija wkoll ta' interess kbir, għax f'dawn l-inħawi nsibu diversi ambjenti differenti, inkluż ix-**xagħri**, il-**widien**, **għadajjar tal-ilma ħelu** u anke **bwar salmastri**. Kull ambjent għandu l-ħajja speċjali tiegħu.

Fid-Dwejra jgħixu wkoll xi pjanti [4]endemiċi, fosthom ix-**Xebb**, il-**Bjankatal-Irdum**, is-**Sempreviva ta' Malta**, iż-**Żigland t'Għawdex**, il-**Ġiżi ta' Malta** u l-**Limonju ta' Malta**. Fuq il-Ġebla tal-Ġeneral jikber l-**Għerq Sinjur**, pjanta [5]parassita b'dehra stramba, li għalkemm mhix endemika, xorta rarissma.

Hemm ukoll annimali endemiċi, bħall-**Psewdoskorpjun Ħadrani**, u fuq il-Ġebla tal-Ġeneral tgħix [6]sottospeċi tal-**Gremxula ta' Malta** li tgħix biss fuq din il-blata. Ma jonqosx ukoll li fl-inħawi tad-Dwejra jbejtu diversi għasafar, fosthom iċ-**Ċiefa**, il-**Garnija**, il-**Bilbla**, il-**Merill**, il-**Bufula tal-iMrewħa** u d-**Durrajsa**.

Tmur meta' tmur, id-Dwejra dejjem hemm x'tara!

Alex Casha


Sempreviva ta' Malta

Joe Sultana


Għerq Sinjur

Arnold Sciberras


Gremxula tal-Ġebla

Aron Tanti


Durrajsa

## Il-problemi

Sentejn ilu kumpanija tal-films li kienet qed tiffilmja fid-Dwejra ksiet il-blat b'xi ramel bla ma pproteġiet l-art sew. Nisperaw li ma saritx ħsara kbira.

Għaliex għażlet Id-Dwejra biex tiffilmja? Minħabba l-veduti. Id-Dwejra jżuruha eluf ta' nies kull sena. Il-baħar, il-veduti, in-natura, l-istorja, il-ġeoloġija, dawn kollha jiġbdu lejhom in-nies. U fejn imorru gzuz ta' nies dejjem jinqalgħu problemi għall-ambjent: ipparkjar fuq il-blat, skart, qtugħ u tgħaffiġ ta' fjuri, serq ta' fossili. Xi nassaba kull sena jaħarqu l-pjanti tax-xagħri biex jarmaw ix-xbieki.

Biex ma nsemmux ukoll xi kmamar illegali fix-xatt tal-Inland Sea, u l-barrieri koroh fil-qrib (fir-ritratt p. 10 jidhru sitta!).

Id-Dwejra hija unika. Importanti li nibżgħu għaliha.

[4]**endemiċi.** Pjanta jew annimal li ssibhom f'post, pajjiż jew reġjun wieħed biss.
[5]**parassita.** Pjanta jew annimal li jgħix minn fuq speċi oħra.
[6]**sottospeċi.** Razez li jkunu jixxiebħu u jiġu minn xulxin, ilkoll tal-istess speċi.

## Kif probabbli ffurmaw il-Bajja tad-Dwejra u l-Ġebla tal-Ġeneral

tpinġijiet Victor Falzon
















ritratt Aron Tanti







# aħna ngħinuk tfaddal

Faddal permezz tal-BOV Young Savers Account u gawdi minn karus b'xejn meta tkun faddalt €100 fil-kont u rati vantaġġjużi ta' imgħax fuq il-flus li ġġemma'. Ġenituri, nanniet, tuturi jew rappreżentanti legali jistgħu jiftħu dan il-kont biex iġemmgħu għal tfal żgħar.

*Impenn lejn is-suċċess tiegħek.*

**BOV YOUNG SAVERS ACCOUNT**
**2131 2020 | bov.com**

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c.
58, Triq Żakkarija
Valletta VLT 1130 - Malta

Termini u kundizzjonijiet japplikaw.

Bank of Valletta